C/2024/1783

22.3.2024

P9_TA(2023)0311

Il-Kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew (00013/2023 – C9-0319/2023 – 2023/0900(NLE))

(Approvazzjoni)

(C/2024/1783)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (00013/2023),

— wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill Ewropew skont l-Artikolu 14(2), tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (C9-0319/2023),

— wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-15 ta' Ġunju 2023 dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-proposta tiegħu għal deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew annessa magħha ([1]),

— wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tiegħu annessa ma' din ir-riżoluzzjoni,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 90 u l-Artikolu 105(1) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali (A9-0265/2023),

1. Jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tiegħu lill-Kunsill Ewropew u, għal skopijiet ta' informazzjoni, lill-Kummissjoni u lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri.

([1]) Testi adottati, P9_TA(2023)0243.

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠISLATTIVA

Dikjarazzjoni mill-Parlament Ewropew

l-abbozz ta' deċiżjoni dwar il-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew huwa mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fil-proċedura baġitarja annwali u l-Premessa 5 ta' dak l-abbozz ta' deċiżjoni tikkonċerna kwistjonijiet li ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi tal-Kunsill Ewropew skont l-Artikolu 15 (1) TUE u l-bażi ġuridika tal-Artikolu 14(2) TUE. Huma biss il-Parlament Ewropew u l-Kunsill li għandhom jiddeċiedu dwar il-kontenut tal-baġit tal-Unjoni skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 314 TFUE.